MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru. 53/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Christian Fenech ta` 21 sena iben Paul u Carmen nee` Cuschieri, mwieled Pieta` nhar 22/08/1990 u residenti fil-fond 191 St. Nicholas, triq Stiefnu Zerafa, Marsa. Detintur tal-karta tal-identita bin-numru 43090(M)

Talli;

Nhar it-8 ta` Dicembru 2010 ghall-habta tal- 11:30hrs gewwa Msida b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew

b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti tata-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Christine Muscat id:7905M u dan waqt li kien qed issuq u/jew kellu that il-kontroll tieghu vettura numru ABS842.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fl-Imsida fi Triq Victor Denaro u gie biex idur ghal go Triq FS Caruana. Din it-triq tal-ahhar hija ‘one way’, u t-traffiku jkun gej mix-xellug ta’ Triq Victor Denaro, fejn kien l-imputat. Hu waqaf fuq is-sinjal tal-‘istop’, u hekk kif ra li m’hu gej xejn mix-xellug tieghu, dar ghal fuq il-lemin u saq ghal go Triq FS Caruana. Hekk kif ghamel din il-manuvra, kien hemm Christine Muscat qed taqsam l-istess triq, u giet milquta mill-vettura misjuqa mill-imputat, u b’hekk sofriet griehi ta’ natura gravi. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti jirrisulta li l-fatti mhumiex kontestati. Hija l-interpretazzjoni ta’ dawn il-fatti li ma hemmx qbil dwarhom. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li dan l-incident sehh tort unikament tal-imputat, mentri d-difiza tikkontendi li l-istess incident sehh minhabba fin-nuqqas ta’ Christine Muscat li bhala ‘pedestrian’ kellha tiehu aktar hsieb u attenzjoni meta taqsam triq pubblika. Mill-provi prodotti hija l-fehma tal-Qorti li l-incident gara tort unikament tal-imputat. Il-Qorti ma tista’ ssib l-ebda negligenza kontributorja da parti tal-parti leza. Kien l-imputat li ma

zammx ‘a proper lookout’ meta ghamel il-manuvra li ghamel. Jidher li huwa minnu li hekk kif dar it-triq biex jidhol fi triq ohra, hu sab ma’ wiccu lil Muscat u tajjarha bil-vettura tieghu, izda jirrizulta car li hu laqatha meta hi kienet kwazi gia’ qasmet it-triq kollha. Li kieku zamm ghajnejh fuq it-triq fejn kien diehel, kellu jara lil Muscat qed taqsam quddiemu. Il-Qorti tista’ biss tippresumi li l-imputat ma rahiex taqsam, u r-raguni tista’ tkun ghax l-imputat zamm ghajnejh lejn ix-xellug hu u hiereg mit-triq, biex jibqa’ jara hux gejjin vetturi mix-xellug tieghu ghal fuqu, meta jaf li ma jistax ikun hemm vetturi ohra gejjin mid-direzzjoni opposta, jigifieri mil-lemin tieghu. Kienet din il-manuvra traskurata tal-imputat li wasslet ghall-incident in esami.

Il-qrati taghna huma cari u univoci fuq il-materja ta’ “keeping a proper lookout” u ta’ negligenza kontributorja meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku. Hekk, per ezempju, kienet irriteniet il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “Pulizija v. Guzeppi Bilocca”, deciza fit-12 ta’ Frar 2009;

“Illi dan hu kaz ta' investiment ta' *pedestrian.* Illi gie ritenut “*in subiecta materia”* illi l-“pedestrian” ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-“pedestrian” ikun negligenti pero’, dan ma jassolvix lid-“*driver”* tal-car milli juza dak il-grad ta’ “*reasonable care”* li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-“pedestrian” krejata lid-*“driver"*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali ; **“Il-Pulizija vs. J. Formosa”**, Vol. XLIII. P. iv p. 1023) F’sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. *“meta jaqsam f’daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat”* (App. Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J. Thornton”** Vol. XLV. p. iv. p. 920) jew meta *“pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn*

*wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza."* (App. Kriminali **"Il-Pulizija vs. Cassar Desain"** Vol. XLVI. P.iv. p.765).

Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*"sudden emergency"* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali**: "Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.1968] ). Dan ghaliex f' kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *"self inflicted incapacity"* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** , [17.6.1961] ) Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well."*** (emfasi tal-Qorti)

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor . (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dana ghaliex il**-"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-imputat kien unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza. Konsegwentement ghandu jinstab hati, u kwantu ghall-piena, mill-atti ma jirrisultax jekk Muscat sofrietx danni pekunjarji, u allura ma hemmx il-htiega ghall-provvediment fuq l-imputat f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-piena adegwata f'dan il-kaz ghandha tkun il-multa minghajr l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat, peress illi l-Qorti ma rriskontrat ebda sewqan b'velocita' eccessiva jew bi ksuhat zejjed li seta' kien ta' perikolu serju ghal terzi. Il-Qorti tifhem li kien incident fortuwitu li sehh bi traskuragni u negligenza tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 328(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti issib lill istess imputat Christian Fenech hati ta` l-akkuzi kontra tieghu u ghaldaqstant qeghda tikkundannah multa ta` elfejn euro (€2,000)

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------